MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2007

Appell Kriminali Numru. 293/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Borg**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Borg talli f'dawn il-Gzejjer fid-9 ta' Frar 2005 u fix-xhur ta' qabel din id-data: (1) kellu fil-pusses tieghu id-droga kokajina bi ksur tal-ligi, (2) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura l-imsemmija droga bi ksur tal-ligi, u (3) talli matul is-sena 2005 u s-snin ta' qabel kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* bi ksur tal-ligi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-18 ta' Lulju 2007 li permezz taghha dik il-qorti, fuq ammissjoni,

ikkundannat lill-imsemmi Joseph Borg ghall-piena ta' sena prigunerija kif ukoll multa ta' Lm400; l-appellant inghata l-fakolta' li jhallas din il-multa b'rati mensili;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Joseph Borg, minnu ppresentat fis-27 ta' Lulju 2007, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-12 ta' Ottubru 2007; ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant hu limitat ghall-piena. Hu jikkontendi li messu nghata piena anqas milli effettivament inghata, u dan in vista tal-fatt li ghandu fedina penali nadifa u li minn mindu inqabad hu ghamel progress f'dik li hi r-riabilitazzjoni tieghu.

Din il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti processwali u hadet kont in partikolari kemm tad-deposizzjoni ta' omm l-appellant kif ukoll tad-deposizzjonijiet ta' Carmel Cremona. Minkejja l-progress li l-appellant irregistra, jibqa' l-fatt li huwa ghamel bejn xahar u xahar u nofs ibiegh id-droga eroina, bil-konsegwenzi kollha fir-rigward ta' terzi. Din il-Qorti, bhall-ewwel qorti, ghanhda responsabbilta` mhux biss lejn l-akkuzat jew imputat li jkun, izda wkoll lejn is-socjeta` u trid tikkalibra l-piena dejjem billi tiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz. Ghar-reat ta' traffikar biss, l-appellant seta' nghata piena sa massimu ta' ghaxar snin prigunerija, bil-minimu jkun sitt xhur. Din il-Qorti bhala regola ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti jekk din ma tkunx sproporzjonata ghall-fattispece tal-kaz. U fil-fatt, il-piena erogata ma hix hekk sproporzjonata. Dak li jippreokkupa lil din il-Qorti, pero`, hu fatt li, minkejja li fl-udjenza tal-15 ta' Mejju 2006 l-ufficjal prosekutur – l-Ispettur Nadia Lanzon – iddikjarat li "f'kaz ta' htija l-imputat ghandu jibbenefika mill-Artikolu 29 fl-intier tieghu", fis-sentenza appellate fil-parti decizjonali taghha, ma hem ebda referenza ghall-Artikolu 29 tal-Kap. 101, li allura jaghti x'wiehed jifhem li x'aktarx l-ewwel qorti ma haditx in konsiderazzjoni l-imsemmi Artikolu 29 meta giet biex taghti l-piena. Ghalhekk, u ghalhekk biss, hemm lok ta' varjazzjoni zghira fil-piena.

Ghall-motivi premessi tiddisponi mill-appell billi thassar dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant Joseph Borg gie kkundannt ghall-piena ta'  sena prigunerija u minflok tikkundannah ghall-piena ta' ghaxar xhur prigunerija, izda tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------